MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 525/2010

**Fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali Nru. 81/07 fl-ismijiet:**

**Paul Bugeja**

**Vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Paul Bugeja fis-6 ta' Dicembru 2010 permezz ta' liema jitlob li jigu riattivati d-drittijiet tieghu kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet u b'hekk il-kreditu tieghu fil-konfront tal-Kummissarju ta' l-Artijiet jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u jkun jista' jigi esegwit kontra d-debitur, dana taht kull provvediment li l-Qorti joghgobha timponi;

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju ta' l-Artijiet permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) l-

azzjoni promotorja li biha r-Rikorrent qed jipprova jenforza l-esekuzzjoni ta' dak li skontu huwa titolu ezekuttiv hija monka stante li l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 166A sabiex tali azzjoni tkun tista' tigi promossa jirrizulta li m'humiex sodisfatti, u dan stante li d-dejn in kwistjoni ma jistax jitqies li hu 'cert' fid-dawl tal-fatt li hemm kontestazzjoni tat-titolu vantat quddiem din l-istess Qorti; (ii) fi kwalunkwe kaz l-ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar 2007 qatt ma setghet tigi reza titolu ezekuttiv a bazi tal-fatt li ma kienx hemm risposta min-naha tieghu u dana minhabba li t-terminu ta' tletin gurnata ghar-risposta qatt ma beda jiddekorri peress illi l-ittra ma gietx notifikata lill-Avukat Generali kif provdut fl-Artikolu 181B(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) fil-mertu, ghad trid tigi deciza fi proceduri separati li ghadhom ghaddejjin quddiem din l-istess Qorti, il-kwistjoni rigward it-tiolu li l-Kummissarju ta' l-Artijiet ghandu fuq l-art mertu tal-kontestazzjoni;

Rat ir-Risposta ulterjuri tal-Kummissarju ta' l-Artijiet permezz ta' liema jissolleva n-nullità tat-titolu ezekuttiv vantat mir-Rikorrent stante li ghall-ittra ufficjali in kwistjoni giet intavolata r-Risposta relattiva entro t-terminu prefiss mill-Ligi;

Semghet ix-xhieda ta' Albert Mamo, Kummissarju ta' l-Artijiet, moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012[1], rat id-dokumenti esebiti mill-Intimat permezz ta' Nota pprezentata fis-7 ta' Frar 2012 markati Dok. "KTA1" sa' Dok. "KTA4" a fol. 19 sa' 26 tal-process u semghet ix-xhieda moghtija mill-Prokuratur Legali Veronica Lungaro Mifsud moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2012[2];

Rat li l-proceduri gew differiti ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-Intimat ossia l-allegata nullità tat-titolu ezekuttiv vantat mir-Rikorrent;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-Intimat;

---

[1] Fol. 16 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 29 tal-process.

Rat in-Nota tar-Rikorrent pprezentata fis-6 ta' Marzu 2013;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob l-intervent tal-Qorti ghall-fini li jigi riattivat it-titolu ezekuttiv li jikkontendi li ghandu fil-konfront ta' l-Intimat bis-sahha ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numu 81/07 datata 5 ta' Jannar 2007, stante li ghaddew iktar minn tlett snin minn meta dak it-titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit. L-Intimat jilqa' ghat-talba tar-Rikorrent b'diversi eccezzjonijiet fosthom l-eccezzjoni ulterjuri – li appuntu hija l-eccezzjoni li qed tigi trattata u determinata b'din id-decizjoni – tan-nullità tat-titolu ezekuttiv vantat mir-Rikorrent fil-konfront tieghu stante li huwa kien ipprezenta Risposta ghal dik l-ittra ufficjali entro t-terminu prefiss fil-Ligi.

Waqt it-trattazzjoni orali dwar l-eccezzjoni tan-nullità tat-titolu ezekuttiv minnu vantat fil-konfront ta' l-Intimat, ir-Rikorrent issottometta li l-ittra ufficjali in kwistjoni giet debitament iccertifikata u registrata mir-Registratur ghall-fini li l-istess tikkostitwixxi titolu ezekuttiv skond il-Ligi u kemm-il darba l-Intimat ried jikkontesta u jimpunja dik l-ittra ufficjali huwa kellu jaghmel hekk permezz ta' proceduri *ad hoc* u mhux permezz ta' eccezzjoni ta' nullità u provi relattivi f'dawn il-proceduri. Da parte tieghu l-Intimat sahaq li fil-kaz in ezami t-timbru li ghamel ir-Registratur fuq l-ittra ufficjali in kwistjoni ma ghandu jinghata ebda piz stante li l-istess Registratur qabad u ittimbra dik l-ittra minkejja li kien hemm id-debita Risposta ghaliha. Ladarba sar zball min-naha ta' l-amministrazzjoni tal-Qorti l-Intimat ma ghandux ikun ippregudikat izda l-allegat titolu ezekuttiv li r-Rikorrent jikkontendi li ghandu fil-konfront tieghu ghandu jaqa' u jitqies bla effett fil-Ligi.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi ccarata hija dik sollevata mir-Rikorrent fit-trattazzjoni orali fejn issottometta li jekk l-Intimat irid jikkontesta u jimpunja l-

ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-Numru 81/07 datata 5 ta’ Jannar 2007, huwa kellu jaghmel hekk permezz ta’ proceduri *ad hoc* u mhux permezz ta’ eccezzjoni tan-nullità u provi relattivi f’dawn il-proceduri.

Ghalkemm ir-Rikorrent ma jghidx x’tip ta’ procedura *ad hoc* messha giet istitwita mill-Intimat il-Qorti tifhem li qed jaghmel referenza ghall-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta: *titolu ezekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppozizzjoni min-naha tad-debitur, ghandu jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta’ rikors fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont il-kaz, li tigi pprezentata mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li issirlu ta’ xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta: (i) li d-debitur ma kienx jaf b’dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3): B’dan illi dan ir-rikors ghandu jigi appuntat ghas-smigh fi zmien gimghatejn*.

Huwa veru li meta debitur ikun irid jikkontesta titolu ezekuttiv ottenut kontra tieghu ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa ghandu isegwi l-procedura stipulata fis-subartikolu tal-Ligi appena citat izda, huwa importanti li jigi notat illi dik il-procedura tista’ tigi istitwita biss wara li d-debitur jigi notifikat b’xi mandat ezekuttiv jew att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu. Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jirreferi ghal sitwazzjoni fejn l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tkun **già inbdiet** bil-konsegwenza li r-Rikors ipprezentat mir-Rikorrent fis-6 ta’ Dicembru 2010 ma jistax jitqies li jikkostitwixxi *att giudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu* ai termini ta’ l-imsemmi subartikolu tal-Ligi. Rikors ipprezentat ai termini ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fil-kaz in ezami specifikatament a tenur tal-paragrafu (c) ta’ l-imsemmi artikolu tal-Ligi, jikkostitwixxi procedura

partikolari u specifika **antecedenti ghall-esekuzzjoni** tat-titolu ezekuttiv vantat mill-kreditur. In effetti l-procedura istitwita mir-Rikorrent hija intiza ghar-riattivazzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu fil-konfront ta' l-Intimat stante li *ex admissis* ghaddew iktar minn tlett snin minn meta tali titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta da parte tad-debitur wara li jigi notifikat b'Rikorsipprezentat mill-kreditur ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tkun wahda ghal kollox intempestiva.

Apparte minn hekk debitur rinfaccjat bi proceduri ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jista' jikkontesta l-**ezistenza tat-titolu ezekuttiv** li tieghu qed tintalab ir-riattivazzjoni fil-kuntest ta' dawk l-istess proceduri minghajr ma ghandu ghalfejn jirrikorri ghal proceduri ohra, u f'dan il-kaz ghall-proceduri *ad hoc* stipulati fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti mill-gurisprudenza nostrali jirrizulta li debitur rinfaccjat bil-proceduri ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad li ma jistax jissolleva eccezzjonijiet li jolqtu l-mertu tal-kreditu vantat kontra tieghu, jista' però jissolleva eccezzjonijiet li jpoggu fid-dubju l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv li tieghu qed tintalab ir-rattivazzjoni bhal ma ad ezempju huma eccezzjonijiet ibbazati fuq il-premessa li it-titolu vantat ma jkunx gie validament ottenut ai termini tal-Ligi jew li tkun qed tintalab l-esekuzzjoni ta' titolu li jinsab sodisfatt in parte jew in toto.

Konferma ta' din l-osservazzjoni tinsab f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **George Pace v. Charles Gauci, Rik. Nru. 665/97** deciza fl-24 ta' Novembru 2004, fejn inghad *kif kienet irragunat is-sentenza fl-ismijiet "Emmanuele Falzon proprio et nomine v. Joseph Vella et", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taccetta l-principju li l-konvenut jithalla jqajjem eccezzjonijiet fil-meritu tkun qeghda tiftah il-bieb ghall-abbuzi fis-sens li konvenut jinghata l-opportunità li jtawwal il-proceduri kontrih. Huwa evidenti minn din l-osservazzjoni illi f'kawza ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma*

*jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gja kanonizzat bis-sentenza precedenti. F'dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet "John Portelli nomine v. Henry Azzopardi proprio et nomine" Appell, 29 ta' Mejju 1997,* u fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli et, Rik. Nru. 2694/99** deciza fit-28 ta' April 2002, fejn inghad illi: *din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li nghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Perici Calascione v. Mario Fenech" (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2000) u cioè li: "Li l-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza ta' l-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx, jidher car li ladarba l-intimat qed jallega li huwa hallas l-ammonti kollha dovuti, l-oneru tal-prova ta' l-istess pagamenti hija kollha fuqu u dan in konformità mal-principju li min jallega ghandu l-oneru tal-prova". Illi l-istess inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Carmelo Borg v. Rosaria Vella" (P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000): "Illi dwar it-tieni kawza citata, fejn allegatament qed tigi attakkata l-validità ta' l-ewwel kuntratt citat, din ukoll ma hijiex ostakolu ghal din il-procedura, limitata fl-iskop taghha ghal dak indikat fl-Artikolu 258 tal-Kap.12 u xejn izjed, hlief l-accertament li l-att partikolari li qed tintalab l-esekuzzjoni tieghu wara hames (5) snin ikun wiehed mit-titoli ezekuttivi indikati fl-Artikolu 253 tal-Kap.12". Illi fil-fatt din hija l-posizzjoni korretta legalment u gudizzjarjament stante li l-artikolu 258 tal-Kap.12 jipprovdi li: "Wara l-gheluq ta' hames snin minn dakinhar li fih skond il-ligi t-titolu ezekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta' jigi esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut". Illi minn dan jidher li l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment ta' l-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-esistenza ta' l-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite il-konferma bil-gurament ta' l-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa*

*rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smigh* [din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma' dawn l-ahhar zewg osservazzjonijiet. Fil-fehma taghha Rikors ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu dejjem jigi notifikat u kemm-il darba d-debitur jissolleva kwistjoni li ghandha tigi minnha indagata, l-istess Rikors ghandu jigi appuntat ghas-smigh].

Ghalkemm l-imsemmija principji gew enuncjati fil-kuntest ta' esekuzzjoni ta' sentenza l-Qorti hi tal-fehma li japplikaw ghall-kaz in ezami partikolarment fid-dawl tal-fatt li ai termini ta' l-Artikolu 166A(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi ghandha fic- cirkostanzi kongrwi titqies bhala titolu ezekuttiv daqslikieku kienet inkluza fl-Artikolu 253(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li appuntu jirriferi ghal sentenzi u digrieti tal-qrati tal-gustizzja ta' Malta.

Fid-dawl tal-principji hawn appena citati ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ladarba l-Intimat qed ipoggi fid-dubju l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv li tieghu r-Rikorrent qed jitlob ir-riattivazzjoni, Hija ma tistax tipprocedi u wisq inqas tghaddi biex tilqa' t-talba tar-Rikorrent minghajr ma tindaga jekk l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 81/07 datata 5 ta' Jannar 2007 effettivament tikkostitwixxix titolu ezekuttiv ai termini tal-Ligi.

A tenur ta' l-Artikolu 166A(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *meta d-debitur ma jopponix it-talba* [kif dedotta fl-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta] *fi zmien tletin jum minn notifika taghha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiz-zmien hawn qabel imsemmi, l-ittra ufficjali ghandha ghar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv bhallikieku dik l-ittra ufficjali kienet inkluza fl-artikolu 253(a)* u a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *ittra ufficjali mahruga skont l-artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu ezekuttiv sakemm ma tkunx*

*giet registrata skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ghandhom japplikaw ghar-registrazzjoni ta' dawk l-ittri ufficjali bhala titoli ezekuttivi. L-applikant ghar-registrazzjoni ta' ittra ufficjali li tkun tikkwalifika bhala titolu ezekuttiv ghandu jipprezenta lir-Registratur tal-Qorti kopja legali ta' l-ittra ufficjali, inkluza l-prova tan-notifika u kopja ta' kull risposta li tkun giet ricevuta ghaliha jekk ikun hemm. Meta jircievi d-dokumenti imsemmija fis-subartikolu (2) ir-Registratur ghandu jezamina d-dokumenti pprezentati, jivverifika jekk id-debitur ipprezentax nota ta' twegiba fiz-zmien stipulat u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet ghar-registrazzjoni ta' l-ittra ufficjali bhala titolu ezekuttiv jkunu jissussistu, huwa ghandu jipprocedi biex jirregistra d-dokumenti pprezentati f'registru li jissejjah ir-Registru ta' l-Ittri Ufficjali bhala Titoli Ezekuttivi li ghandu jinzamm mar-Registratur ghall-iskopijiet ta' l-artikolu 166A.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog car li ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ssir titolu ezekuttiv biss kemm-il darba l-interpellazzjoni hemm maghmula ma tigix kontestata in toto jew in parte mid-debitur bil-prezentata tad-debita Nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali entro t-terminu prefiss fil-Ligi. Din il-kwistjoni hija appuntu l-qofol tal-kaz in ezami stante li l-Intimat jikkontendi li huwa kien debitament ipprezenta l-kontestazzjoni tieghu ghall-ittra ufficjali pprezentata mir-Rikorrent fil-5 ta' Jannar 2007 permezz ta' Nota ipprezentata fit-2 ta' Frar 2007[3] u ghalhekk l-ittra ufficjali in kwistjoni ma tikkostitwixxix titolu ezekuttiv ai termini tal-Ligi u r-Registratur ma kellu qatt jiccertifika dik l-istess ittra ufficjali bhala titolu ezekuttiv. Ir-Rikorrent da parte tieghu jsostni li dak affermat mill-Intimat ma huwiex minnu in kwantu tali Nota ma tinsabx fl-atti ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni, kif jirrizulta mill-atti ta' l-ittra ufficjali li jinsabu allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri, u l-istess ittra giet iccertifikata bhala titolu ezekuttiv mir-Registratur ai termini tal-Ligi[4].

---

3 Vide xhieda ta' Albert Mamo, Kummissarju ta' l-Artijiet, moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012.

4 Sottomissjonijiet avvanzati waqt it-trattazzjoni orali.

In sostenn ta' dak minnu affermat l-Intimat ipprezenta numru ta' dokumenti – Dok. "KTA1" sa' Dok. "KTA4" a fol. 20 sa' 26 tal-process – li skontu jikkonfermaw li l-ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar 2007 giet debitament kontestata permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' Frar 2007 u li ghalhekk dik l-ittra ma tistax titqies li tikkostitwixxi titolu ezekuttiv validu skond il-Ligi u certament ma setghetx tigi ccertifikata bhala tali. Fir-rigward il-Prokuratur Legali Veronica Lungaro Mifsud iddikjarat li *b'referenza ghad-dokumenti li gew esebiti man-nota li pprezentajna fis-7 ta' Frar 2012 nghid illi hemm print out mill-LECAM li juri l-atti giudizzjarji kollha li gew ipprezentati fit-3 ta' Frar 2007 u fosthom hemm risposta prezentata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet li jidher li ghandha riferta pozittiva. Ghandi print out ohra mill-LECAM li tirreferi b'mod specifiku ghal din ir-risposta tal-Kummissarju ossija nota, u print out ohra mill-LECAM li tirreferi ghall-ittra ufficjali tal-5 ta' Jannar 2007 li wkoll tirrizulta li giet notifikata. Hemm ukoll fotokopja tan-nota li giet ipprezentata fl-atti ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar 2007 li hija fotokopja mehuda mill-file tad-dipartiment. Fl-ahhar hemm dokument li hadtu mir-Registru li hija fotokopja ta' notament illi l-ittra ufficjali in kwistjoni m'ghadhiex fir-Regsitru izda ittiehdet*[5].

Minn ezami tad-dokumenti esebiti mill-Intimat u in partikolari mid-dokument Dok. "KTA1", bhala fatt jirrizulta li fit-2 ta' Frar 2007 giet ipprezentata Nota fl-ismijiet "Paul Bugeja v. Kummissarju ta' l-Artijiet" li mid-dokument Dok. "KTA3" ukoll esebit mill-Intimat jirrizulta li hi n-Nota fl-atti ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 bin-Numru 81/07 datata 5 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet premessi - li hija appuntu l-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri - li biha l-Intimat oppona ghat-talba dedotta fil-konfront tieghu mir-Rikorrent. B'hekk l-*entry* fir-*records* tar-Registru tal-Qorti datata 2 ta' Frar 2007 tikkonferma li n-Nota esebita mill-Intimat bhala Dok. "KTA4" giet effettivament ipprezentata fir-Registru; gara però li ghal xi raguni jew ohra dik in-Nota ma gietx inserita fl-atti ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni bil-konsegwenza li l-istess ittra giet

[5] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2012, fol. 29 tal-process.

meqjusa bhala mhux kontestata u konsegwentement ccertifikata bhala titolu ezekuttiv mir-Registratur tal-Qorti.

Il-fatt li n-Nota pprezentata mill-Intimat ma gietx inserita fl-atti ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni ma jista' bl-ebda mod ikun ta' pregudizzju ghall-Intimat li fl-ahhar mill-ahhar ipprova b'mod sodisfacenti li huwa ssodisfa dak minnu rikjest mill-Ligi u cioè li fi zmien tletin jum minn mindu gie notifikat b'dik l-ittra ufficjali – 16 ta' Jannar 2007 kif jirrizulta mir-riferta fuq l-itrra ufficjali – **ipprezenta** Nota fl-atti ta' dik l-ittra li fiha rrespinga t-talba dedotta kontra tieghu. Il-fatt li dik l-ittra ufficjali giet iccertifikata bhala titolu ezekuttiv mir-Registratur tal-Qorti wkoll ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghall-Intimat stante li dik ic-certifikazzjoni hija difettuza in kwantu r-Registratur gie indott fi zball fil-konsiderazzjonijiet tieghu minhabba l-fatt l-istess Nota ma kenitx inserita fl-atti ta' l-ittra ufficjali. Hawnhekk il-Qorti ma tistax tonqos milli tirrimarka li r-Registratur jidher li llimita ruhu li jivverifika l-atti nfushom ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni minghajr però ma ikkonferma d-dettalji minnha rizultanti mar-*records* tar-Registru biex jikkonferma b'mod definittiv li d-debitur – l-Intimat f'dan il-kaz – ma kienx ipprezenta Nota, nuqqas dan li fl-ahhar mill-ahhar wassal ghas-sitwazzjoni odjerna.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti tqis li kuntrarjament ghal dak iccertifikat mir-Registratur tal-Qorti fl-14 ta' Marzu 2007 – id-data li fiha l-ittra ufficjali in kwistjoni giet iccertifikata bhala titolu ezekuttiv – u kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 81/07 ipprezentata mir-Rikorrent fil-5 ta' Jannar 2007 in kwantu debitament kontestata mill-Intimat ma tistax titqies bhala titolu ezekuttiv validu ai termini ta' l-Artikolu 166A(4) u l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement ghalhekk ir-Rikorrent ma jistax jitlob u din il-Qorti ma tistax tawtorizza r-riattivazzjoni ta' titolu li ampjament jirrizulta li ma huwiex validu ai termini tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-Intimat hija gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri ta' l-Intimat, tichad it-talba tar-Rikorrent minnu dedotta fir-Rikorsipprezentat fis-6 ta' Jannar 2010.

Ladarba s-sitwazzjoni odjerna rrizultat minhabba nuqqas amministrattiv da parte tar-Registru tal-Qorti, stante li l-ewwel in-Nota pprezentata mill-Intimat ma gietx inserita fl-atti ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 81/07 datata 5 ta' Jannar 2007 u in segwitu dik l-istess ittra giet erronejament iccertifikata bhala titolu ezekuttiv mir-Registratur, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------